MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 1378/2002/1

**Peter Ronald**

**v.**

**Polibon Construction Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Dicembru, 2002 l-attur ippremetta, illi fl-4 ta’ Novembru, 1999 waqt illi l-attur, li kien jahdem bhala ‘labourer’ mas-socjeta` konvenuta, kien fuq ix-xoghol go

fond fi Triq l-Isptar, il-Belt Valletta u kien involut f'incident meta waqa' minn gholi ta' madwar tliet sulari wara li ceda xi armar (scaffolding); illi fl-incident imsemmi, l-attur wegga' serjament u sofra danni inkluza dizabilita` permanenti li timpjedieh milli jkompli bix-xoghol tieghu; illi l-istess incident gara unikament tort tas-socjeta` konvenuta, minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hsieb u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kif ukoll minhabba nuqqas ta' sigurta` adekwata fuq ix-xoghol; illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kkawzati permezz ta' ittra ufficjali tal-4 ta' Ottubru, 2001, (Dok. A), izda din baqghet inadempjenti; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-

1. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta risponsabbli ghall-incident imsemmi ta' l-4 ta' Novembru, 1999, u ghad-danni kollha li sofra l-attur bhala konsegwenza ta' l-istess;

2. Tillikwida d-danni rizultanti mill-feriti u mid-dizabilita` permanenti li garrab l-attur bhala konsegwenza ta' l-incident *de quo*, okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur dik is-somma hekk illikwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Ottubru, 2001, u bl-imghaxijiet mill-4 ta' Ottubru, 2001, kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.
B'nota pprezentata fit-28 ta' Frar, 2003 is-socjeta` konvenuta eccepiet:

1. L-ewwel talba tal-attur ghandha tkun michuda stante li l-incident *de quo* ma garax htija tas-socjeta` konvenuta.

2. It-tieni talba tal-attur ghandha tkun respinta wkoll billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur tieghu.

3. Isegwi ghalhekk li anke t-tielet talba ghandha tigi rigettata stante li s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex tkun kundannata thallas danni lill-attur.

4. Bla pregudizzju ghall-premess, it-talba ghall-hlas tal-imghax kif dedotta ghandha tkun respinta stante li jekk imghax ikun dovut dan ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza stante li l-attur qed jitlob danni "da liquidarsi".

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet b'mod preliminari mill-kwestjoni tar-responsabbilita` ghall-akkadut meta b'sentenza tas-16 ta' Ottubru, 2006 kkonkludiet hekk:
***"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u tilqa' l-ewwel talba attrici billi tiddikjara s-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-incident in kwistjoni u tordna li l-kawza titkompla dwar it-talbiet l-ohra. L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu mis-socjeta` konvenuta."***

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Ikkunsidrat;

"Illi l-attur qed jitlob danni li sofra wara incident li sehh fuq il-post tax-xoghol tieghu mas-socjeta` konvenuta. Qabel xejn il-Qorti qed tiddikjara li se tiddeciedi biss dwar ir-responsabilita` ta' l-incident ghaliex mill-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2004 jidher li kien hemm intiza li dan isir qabel ma l-Qorti tidhol fil-kwistjoni tal-*quantum* tad-danni ghaliex naturalment jekk it-talba dwar ir-responsabilita` tigi michuda ma jkunx hemm bzonn ta' iktar provi u possibilment spejjez ta' perit mediku – infatti l-attur ma ressaq ebda prova fir-rigward hlief kemm kellu paga u dan jindika illi l-intiza kienet appuntu f'dan is-sens.

"Ma hemmx kontestazzjoni li l-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta meta gara l-incident li fih wegga. L-incident gara meta l-attur flimkien ma' zewg haddiema ohra kienu qed izarmaw *winch* f'gholi ta' zewg sulari. Fi

kliem l-attur meta hu kien f'tarf u z-zewg haddiema l-ohra f'tarf iehor, dawn taw skoss biex inehhu l-*winch* minn postha u f'dak il-hin inqaleb ghal isfel b'rizultat li wegga. F'dan il-hin il-Perit Bonanno, proprjetarju u direttur tas-socjeta` konvenuta kien qieghed fis-sular ta' isfel (pjan terren).

"Il-socjeta` m'hijiex qed tikkontesta kif gara l-incident izda l-Perit Bonanno jinsisti li hu kien ghadu kif qal lill-haddiema biex ma jaghmlu xejn sakemm jerga' jmur hu fuq il-post. Dan il-fatt l-attur jikkontestah ghaliex jghid li jekk kien hekk dan ma giex kommunikat lilu. Ix-xhud Lufti pero' ikkonferma dak li qal il-Perit Bonanno.

"Ghandu jinghad illi mill-provi jirrizulta illi l-Perit Bonanno kien isegwi kwazi l-hin kollu x-xoghol ta' l-impjegati tieghu u mhux dak it-tip ta' *employer* illi jaghti l-ordnijiet biss. Il-Qorti ghalhekk temmen li hu seta` qal lill-haddiema biex jistennewh. Dan pero' ma jistax jiskolpah *qua employer* mir-responsabiltajiet civili in kwistjoni. L-attur jghid li hu obda lil Lufti ghaliex dan kien jaghti l-ordnijiet fin-nuqqas tal-perit. Ghalkemm il-konvenut jikkontesta dan, jidher li hu kien ihalli lil Lufti jassumi dan ir-rwol ghaliex anke l-haddiem l-iehor Salem Enagir jirreferi ghalih bhala *former* (ried jghid foreman). Ghalhekk anke jekk hu kien impjegat bhall-ohrajn, kien l-iktar haddiem fdat ghal dik li hija responsabilita` fuq il-lant tax-xoghol minhabba l-esperjenza li kellu (li l-ohrajn ma kellhomx). Infatti din l-ordni li tahom dak il-hin tant kienet naturali li la l-attur u lanqas Enagir ma hassew li kellhom imeruha. Ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha tkun tenuta responsabbli – fuq kollox l-attur ma ghamel xejn barra mill-kors normali tax-xoghol tieghu, anzi kien qed jaghmel xoghol a beneficcju ta' l-istess socjeta` li kienet thaddmu.

"Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>Danastasi vs Enemalta Corporation</u> deciza fit-28 ta' Gunju, 2005 qalet;

*"Illum it-tendenza ricenti tal-Qrati taghna, issa msahha wkoll minn legislazzjoni iktar moderna u konsonanti maz-zminijiet hija li hemm kwazi presunzjoni illi incident*

*industrijali jigri ghax ma kienx hemm a safe system of work.*

*Huwa facli ghal dak li jipprovdi x-xoghol illi jwahhal fl-impjegat ghax uza ghodda mhux koperti minn apparat ta' sigurta' izda fuq kollox l-impjegat ikun qed jahdem ghall-ahjar ta' min jaghtih ix-xoghol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-ghodda ikun medd idejh ghax-xoghol. Ma hux sew fil-fehma tal-Qorti li wiehed jattribwixxi xi tort lill-attur u nghidulu li kien ahjar li hasel idejh."*

"Dan id-diskors m'huwiex ghal kollox applikabbli ghall-kaz in ezami izda t-tixbiha hija cara; ma tistax issa s-socjeta` konvenuta twahhal fl-attur ghax dan obda lil Lufti li dak il-hin thalla (ghax il-prassi tidher li kienet din) inkarigat dak il-hin li l-Perit Bonanno kien assenti minn fuq il-lant tax-xoghol. Ix-xoghol in kwistjoni kellu periklu inerenti ghaliex kien qed isir f'gholi ta' zewg sulari u wiehed jistenna li l-haddiema li jigu mibghuta jaghmlu dan it-tip ta' xoghol jigu struwiti biex jevitaw il-periklu. Dan ma sarx fil-kaz in ezami ghaliex mhux biss l-attur izda anke z-zewg haddiema l-ohra kienu non-kuranti tal-perikli li setghu jghaddu minnhom u kien minhabba non-kuranza taz-zewg haddiema l-ohra li sar l-incident. Dan zgur mhux imputabbli lill-attur izda lis-sistema tax-xoghol li ma kinitx *safe* kif tirrikjedi l-ligi u l-gurisprudenza taghna. M'hijiex sistema li tassikura l-haddiema minn incident bhal dan li t-tlett haddiema jahdmu f'gholi ta' zewg sulari ma jkunux imharrga sew kif ihaddmu ghodda simili minghajr periklu. Huwa minnu li l-Perit Bonanno kien ghadu kif telaq mill-post izda dan xorta ma jiskolpax is-socjeta` konvenuta mir-responsabilta' ghall-incident ghax il-fatti juru li l-incident sehh.

"Mill-provi rrizulta li s-socjeta` konvenuta ma thaddimx numru kbir ta' haddiema u wiehed jifhem li din it-tip ta' azjenda ma jkollhiex il-mezzi li jkollhom azjendi kbar ghal certi mizuri; fl-istess hin pero' il-fatt li thaddem ftit nies ghandu jkun ta' ghajnuna biex tiehu hsieb b'mod komprensiv is-sahha ta' l-istess haddiema fil-qadi ta' dmirijithom bhala impjegati ta' l-azjenda.

"Kif irriteniet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Schembri vs Caruana nomine deciza fit-12 ta' Jannar, 1983; "*Employer illi jkun jaf li fil-makkinarju tieghu hemm periklu u ma jiehu ebda passi biex jirrimedja ghal dan jesponi ruhu ghall-konsegwenzi legali li johorgu minn dan. L-employer (ghandu jahseb) illi jippjana sew ix-xoghol u jikkunsidra l-fatt li l-istess haddiema gieli jittraskuraw ir-riskji involuti fix-xoghol taghhom ta' kull jum."*

"Kif ukoll qalet l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi and Sons Limited deciza fid-9 ta' Ottubru, 2003; "*Min ihaddem ghandu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha ta' l-istess haddiem*." (ara Bugeja vs Falzon deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1997 u Desira vs Grech and Co. Ltd deciza fit-30 ta' Mejju, 2002).

"Sentenzi ohra ta' l-istess opinjoni huma Galea vs Balzan – Qorti ta' l-Appell 26 ta' Frar, 1993 u Agius vs Galea – Qorti tal-Kummerc 11 ta' Lulju, 1989. Sentenza ricenti Grezzju Scicluna vs C. Cini and Sons Ltd – 27 ta'Gunju, 2006 – Cit. 348/02 TM iccitat l-awtur Whincup fil-ktieb Modern Employment Law li jelenka erba' principji bazici f'kazi simili u cioe`;

i. *the employer must ensure that the employee knows the dangers,*
ii. *the employer must ensure that the employee knows the precautions to be taken against these dangers,*
iii. *the employer must ensure that the precautions are available,*
iv. *the employer must ensure that the employee knows these precautions are available.*

"Huwa minnu li l-attur ma kienx qed juza xi makkinarju perikoluz minnu nnifsu (ghalkemm kemmxejn komplikat kif thaddmu) izda l-fatt li kien qed jitla' certu gholi wkoll jista' jikkostitwixxi periklu kif sfortunatament irrizulta f'dan l-incident. Ghalhekk il-Qorti ssib li t-talba attrici ghar-responsabilita` ta' l-incident hija gustifikata."

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fis-6 ta' Novembru, 2006 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-imsemmija sentenza u tilqa' l-ewwel eccezzjoni taghha u tichad l-ewwel talba ta' l-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

L-attur appellat pprezenta risposta ghall-appell imsemmi fejn iddikjara li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u li ghalhekk u, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab li l-appell tas-socjeta` konvenuta jigi respint bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**Ikkunsidrat:**

Dan huwa appell minn sentenza preliminari fejn gie stabbilit li s-socjeta` konvenuta ghandha tirrispondi ghal griehi li sofra l-attur bhala konsegwenza ta' incident waqt ix-xoghol u konsegwentement ghad-danni minnu sofferti. Sabiex tirnexxi l-azzjoni intentata mill-attur dan jrid jipprova li d-datur tax-xoghol tieghu kien b'xi mod negligenti fil-qadi tad-dmirijiet tieghu b'mod li ghandu jinstab hati tal-akkadut; irid inoltre ikun hemm ness bejn xi nuqqas tas-socjeta` konvenuta u l-event dannuz.

Il-fatti huma benn riportati fis-sentenza appellata fejn fil-qosor jinghad li l-incident sehh hekk kif l-attur u zewg impjegati ohra, fl-assenza tal-Perit Bonanno, direttur tas-socjeta` konvenuta li kien qed jiddirigi x-xoghlijiet, ittantaw izarmaw *winch* li kien jinsab f'gholi ta' zewg sulari u hekk kif iz-zewg impjegati l-ohra taw skoss biex inehhu l-*winch* minn postha l-attur inqaleb ghall-isfel b'rizultat li wegga'.

Mhux kontestat li l-manuvra li kellha tigi ezegwita kellha certu element ta' perikolu, sew minhabba l-fatt li l-*winch* kienet tisporgi l-barra mis-saqaf, sew minhabba l-gholi li kien hemm, u kif ukoll minhabba n-natura tax-xoghlijiet li kienu mehtiega. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li s-socjeta` konvenuta ghandha tirrispondi ghall-akkadut billi fil-parametri ta' dak li ghadu kemm intqal dwar il-perikolozita` fix-xoghol, is-socjeta` konvenuta kienet

inkarigat persuna mhux imharrga f'dan it-tip ta' xoghol bil-konsegwenza li gara dak li gara.

Huwa minnu li d-datur tax-xoghol ghandu obbligu li jhares l-inkolumita` tal-impjegati tieghu u dana billi jpprovdi dak li jissejjah '*a safe system of work*' kif ukoll '*a safe place of work*'. Ghandu wkoll jaccerta ruhu li l-impjegati tieghu jkunu mharrga sew dwar ix-xoghol li jkunu mistennija li jaghmlu. Pero` daqstant ghandhom obbligu dawk l-istess impjegati li, fl-interess taghhom stess, fl-ewwel lok jobdu dawk l-istruzzjonijiet li jkunu gew moghtija lilhom mill-*employer* u inoltre jagixxu b'mod dettat mis-sens komun, sabiex jassiguraw l-inkolumita` taghhom. Issa fil-kaz in ezami rrizulta lill-ewwel Qorti – u dan mhux qed jigi kontestat mill-attur li ma ressaq ebda appell incidentali fir-rigward – li l-Perit Bonanno kien il-hin kollu fuq il-post tax-xoghol jidderigi l-haddiema tas-socjeta` konvenuta minnu rapprezentata. Jirrizulta wkoll li ftit qabel l-incident l-istess Perit Bonanno kellu jillarga minn fuq il-lant tax-xoghol billi nizel isfel biex ikellem xi persuni; biss jirrizulta wkoll li qabel ma nizel isfel dan l-istess Perit Bonanno kien ta' ordnijiet lill-haddiema, inkluz l-attur, b'dak li kellhom jaghmlu u dak li ma kellhomx jaghmlu l-haddiema fl-assenza tieghu. Dan jirrizulta b'mod l-aktar car mix-xhieda ta' Abugama Ludvig meta jghid "Wasalna x-xoghol u tela' [l-Perit] maghna u qalilna mhux darba jew tnejn jew tlieta, qalilna biex nigbru l-piz minn wara [tal-*winch*] u nigbru l-ghodda, u '<u>stennewni sa meta nigi maghkom</u>'" (ara fol. 59/60; sottolinear ta' din il-Qorti). Minn dan jidher li l-Perit Bonanno kien ta istruzzjonijiet biex l-impjegati tieghu ma jittantawx icaqalqu l-*winch* fl-assenza tieghu izda li kellhom jistennewh sakemm jigi lura biex flimkien jigbdu l-*winch* lura. L-incident sehh hekk kif l-impjegati ittantaw jigbdu l-istess *winch* fl-assenza tal-Perit Bonanno u kontra l-ordni tieghu.

L-attenzjoni mehtiega mis-socjeta` konvenuta hija dik ta' *bonus pater familias* u mhux fi grad oghla, u la darba jirrizulta li kien hemm sorveljanza kontinwa u li kienet inghatat l-ordni specifika biex ma jigux ezegwiti dawk ix-xoghlijiet li eventwalment wasslu ghall-incident, l-istess socjeta` konvenuta issodisfat dan l-obbligu taghha u

konsegwentement ma tistax tinsab responsabbli ghall-akkadut billi l-attur iddizobbedixxa ordni espressa tad-datur tax-xoghol tieghu.

Lanqas ma jista' jinghad li l-attur kien qed jobdi ordni legittima li setghet kienet inghatat mix-xhud Abugama Ludvic maghruf bhala Lufti billi dan ma jirrizultax li kellu xi mansjonijiet specifici ta' *foreman,* izjed u izjed meta x-xoghol kien qed isir taht is-sorveljanza tal-istess Perit Bonanno, bniedem ta' esperjenza u datur tax-xoghol tal-istess attur.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi milqugh u s-sentenza appellata qed tigi revokata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------